# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ħamis, 2 ta' Marzu 2017**

**Ċitazzjoni Numru: 3/2006 PC**

**Xuereb George**

**vs**

**Whitehouse Madeline, u b'digriet tal-4 ta' Frar 2010, l-Avukat Dr. Jean Paul Grech ġie nominat kuratur tal-imsiefra Madeline Whitehouse**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru 2003, għal ħabta tal-5:00p.m., l-attur mingħajr l-ebda provokazzjoni sefa' aggredit u msawwat mill-konvenuta fl-inħawi msejħa 'Ta' Xurdin', limiti tan-Nadur, Għawdex u fil-fatt l-istess konvenuta kkawżatlu diversi feriti f'rasu, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża;

Illi għalhekk l-istess inċident ġara unikament tort u ħtija tal-istess konvenuta li għandha twieġeb għad-danni konsegwenzjali minħabba għemilha;

Illi minħabba l-istess inċident l-attur soffra mhux biss danni materjali imma wkoll debilita' permanenti f'rasu, kif ukoll jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smeigħ tal-istess kawża u kif jirriżulta anki miċ-

ċertifikat mediku rilaxxajat mit-Tabib Dr. Farnk Farrugia hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A';

Illi l-konvenuta għalkemm ġiet interpellata uffiċċjalment sabiex tersaq għal likwidazzjoni u ħlas tal-istess danni, dina baqgħet inadempjenti. Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjarha responsabbli għal inċident hawn fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll f'telf ta' xogħol u f'danni fil-kwalita' ta' lukrum cessanti;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex tħallas lill-attur id-danni kollha hekk osfferti u likwidati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 2005 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija mħarka.

Bl-imgħaxijiet skont il-liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur debitament ikkonfermata minnu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Ottubru 2008 fejn innominat lill-ispeċjalista Dr. Anthony Galea Debono sabiex jistabilixxi l-perċentwali ta' diżabilita' li jista' jkun qed isofri minnha l-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża.

Rat ir-rapport tal-istess espert mediku ppresentat fit-19 ta' Jannar 2009 u minnu maħluf fid-29 ta' Mejju 2009.

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-istess espert mediku.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tad-difensuri tal-partiijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur, in segwitu għal inċident li per konsegwenza tiegħu jgħid li spiċċa jbati minn debilita' permanenti.

L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa.*[2]

**FATTI**

Dan l-inċident seħħ fit-28 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) meta l-attur jgħid li qala' daqqa fuq rasu minn ġebla li l-konvenuta tefgħet fid-direzzjoni tiegħu fit-triq u quddiem id-djar rispettivi tagħhom, billi l-kontendenti huma ġirien. Din id-daqqa kkaġunatlu ferita li kienet tenħtieġ xi punti,[3] u minħabba f'hekk jidher li baqa' jbati minn sturdamenti u wġiegħ ta' ras.

**PROVI**

Xhieda okulari li wieħed jista' joqgħod fuqha tal-inċident *per se* ma jidhirx li kien hemm, għax Frank Said li dak il-ħin kien qiegħed f'għalqa fuq ir-riħ tat-triq fejn seħħ l-inċident, jgħid li ra lill-konvenuta titfa l-ġebla fid-direzzjoni tal-attur, imma *ex admissis* minn distanza ta' xi disgħin metru.[4] Minn naħa l-oħra ir-raġel tal-konvenuta jgħid li ra l-inċident mit-tieqa tal-kċina tad-dar tagħhom li tagħti għal fuq *front garden* li hemm quddiem l-istess triq.[5]

Lis-surġent **Mario Cassar** li nvestiga l-każ, fuq rapport li sar dakinhar stess ftit tal-ħin wara mill-konvenuta, u stranament mhux mill-attur, li minflok jgħid li mar iċempel lill-avukat tiegħu, din qaltlu:

---

[1] 44 Dig. Del leg. aquil.IX,2
[2] art.1033 Kap.16
[3] Ara ritratti B u C annessi maċ-ċitazzjoni
[4] Ara xhieda tiegħu a fol. 33 et. seq.
[5] Ara xhieda tiegħu a fol. 215

*"that she was at her kitchen window overlooking the driveway outside their house and the fields beyond, she saw her neighbour hereby mentioned both as victim and suspect* (b'referenza għall-attur), *masturbating in the fields, having his male private part outside his trousers. She then proceeded to go down outside her residence on her steps when George came out of the fields on the road in front of the house, and when he was about twenty feet away he again started doing the same obscene act mentioned above. Then she grabbed a stone, told George that if he continues doing so she will hit him... Then George swore at her in maltese, ran towards her knocking the stone off her hand and threw her on the ground where he kept banging her head. Her husband started to shout from inside the house, when George took hold of his birds and took off. Because of this incident she suffered injuries of a slight nature of abrasion on her forehead, which injuries were certified so by Dr. Julian Portelli M.D. of the Gozo General Hospital, where she repaired to with her husband's vehicle. She also suffered damages to her glasses of twenty three Malta lira on an estimate that she forwarded to the Police."* [6]

Il-konvenut, da parti tiegħu, spjega l-inċident lill-Pulizija bil-mod segwenti:

*"he was walking towards his house, complainant came out shouting at him, making gestures that he was sick. Then she tried to let loose his birds … having a stone in her hand ... He did not let her touch the birds ... Then he continued on his way to his house … suddenly she hit him on his head with the stone."*[7]

Fir-rapport tiegħu is-surġent Cassar kompla niżżel ukoll li:

*"The Police spoke to George at his residence adjacent to complainant's and he had blood on his head. He was advised to seek medical attention which he did by driving his own vehicle to the GGHOSP, where on being examined by the same doctor he was found to be suffering from injuries of slight nature needing three sutures for a scalp wound.*

*George then as ordered he repaired to Victoria Police Station where after being warned not to incriminate himself, he answered that he never did any acts as alleged by complainant. Regarding the injuries suffered by complainant he stated that he does not know how they happened. He added that when she was about to take hold of the container holding his birds he pushed her away.*

[6] Ara okkorrenza relattiva a fol. 43 tal-proċess
[7] Ibid.

*Court action against both parties is being instituted.”*[8]

Waqt l-aċċess fuq il-post tal-inċident li nżamm mill-Qorti **l-attur** xehed:

*“Jien filghodu hrigt nonsob … imbaghad saret il-hamsa insomma u ma bqajtx nara ghasafar u zarmajt … u ghaddejt mill-passagg … u sibtha hawnhekk bil-gebel tistennieni…u harget hawnhekk ghan-nofs taghmilli ‘you killed my birds’ … taghmilli hekk il-gebel go wicci …. u mbaghad ghedtilha…’Jekk jien qed nonsob minghajr permess gibli l-pulizija’ … Jien kelli gabjun ... bil-gageg fuqu … u kien wara spalti … imbaghad x’hin warrabt nitfa ‘l hawn, tatni s-salt ghall-gabjun, gebdituli mic-carruta ... u jien ghamiltilha hekk, hallieh … dak, u hi mxiet warajja u taghthieli go rasi, u nizzlitni ma’ l-art ... bid-daqqa, tefghetli daqqa ta’ gebla ... minn wara ... u nizzlitni ... inzilt fl-art ghax stordietni, u domt ftit hekk, u qbadt il-gabbjetti. U ghamitlhom f’posthom ... u tlajt biex incempel…”.*[9]

**Il-konvenuta** fid-deposizzjoni tagħha quddiem il-Qorti tat din il-verżjoni tal-inċident *de quo agitur*:

*“…I was looking through the kitchen window and in the fields opposite … George Xuereb was in there masturbating as he always does. At the time he was supposed to be trapping birds. When he was done masturbating then he decided to come out of the fields. I went down and said to him, if he didn’t stop I was going to get the police. He then told me to go … off, in his normal words, back to the U.K. I said to him then I was going to get the inspector … he started to walk past me. I got a brick in my hand which I was going to use as protection. I threw it on the floor … he turned round, threw the birds on the floor and knocked me on to the floor. He then put, being in my back, and knocked my head on to the floor…My husband then came out of the house when he heard the commotion. With that George Xuereb grabbed his birds, jumped off... and went off into the house….”.*[10] In kontro-eżami allegat li l-ferita li ġarrab l-attur f’rasu saret bil-gabjetti stess li kien qed iġorr wara daru.[11]

**RESPONSABILITA’**

Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita’ akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha.[12]

---

[8] Ibid.
[9] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 182 - 186
[10] Ara xhieda tagħha a fol. 120 - 124
[11] Ara kontro-eżami tagħha a fol . 149 et seq.
[12] Art.1031 Kodiċi Ċivili

Ta' dan in-nuqqas trid tagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.[13]

Ġie affermat mill-qrati tagħna:

*"Illi sabiex tirnexxi azzjoni għad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

*(1) il-fatt dannuz illecitu;*

*(2) l-imputabbilita tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu ikkagunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu."* [14]

Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.

In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li *"hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza."* (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).

Id-difiża tal-konvenuta li l-attur intlaqat bil-gabjetti tiegħu stess waqt li spiċċaw f'idejn, ma tantx hija konvinċenti. Fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ammettiet li kellha ġebla f'idejha biex tiddefendi lilha innifisha x'ħin affrontat lill-attur, huwa iżjed verosimili li l-ġebla tefgħethielu jew tal-inqas tagħtu daqqa biha x'hin kienu qed jillitigaw.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, pero', hija l-fehma ta' din il-Qorti li għal dan l-inċident jaħtu ndaqs iż-żewġ kontendenti. M'hemmx dubbju li l-konvenuta kienet ipprovokata bl-aġir indiċenti ripetittiv tal-attur, u minkejja li l-attur ċaħad dan, mhux probabbli li l-konvenuta kienet ser tivvinta storja bħal din sempliċement biex tiddefendi l-aġir tagħha. Jista' jkun ukoll li għamlitlu xi osservazzjonijiet dwar l-insib, imma żgur li ma kenitx ser tirreaġixxi b'dan il-mod sempliċment għax kienet kontra l-insib.

Għalhekk a tenur tal-artikolu 1051 tal-Kap. 16, u kif insibu fil-ġurisprudenza:

[13] Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri: P.A. 3.10.2003
[14] Agius vs Busuttil: Appell:14.12.1982

*"Il-Qorti ghalhekk taqbel li f'dan il-kaz kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu responsabbli ghar-ragunijet fuq indikati cjoe' l-attur talli pprovoka l-incident u l-konvenut talli rreagixxa bil-mod vjolenti. Il-konvenut ghandu jgawdi minn riduzzjoni tad-danni minhabba dina l-provokazzjoni. In tema ta' htija kontributorja, il-principju akkolt fil-gurisprudenza hu illi fejn din il-htija ma tistax tigi diviza b'certezza allura din l-istess htija tigi ugwalment apporzjonata."*[15]

**LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[16] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[17]

Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

A tenur tal-artikolu msemmi, il-ħsara li persuna rsponsabbli għandha twieġeb għaliha taħt dan l-aspett hija:

(i) t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara;

(ii) l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara; u

(iii) it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali.

[15] Prim Awla Qorti Ċivili, 28.01.2005, Charles Delia vs Joseph Scicluna
[16] Savona vs Asphar: Appell: 23.6.1952
[17] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol.XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol.XLII.II.1019

<u>Dwar (i)</u> : Ma rriżulta ebda telf f'dan ir-rigward.

<u>Dwar (ii)</u> : hemm kontestazzjoni dwar l-ispejjeż reklamati mill-attur. L-uniċi riċevuti li esebixxa in konnessjoni mal-kura li kienet meħtieġa in konnessjoni ma' dan l-inċident, kienu: (a) il-kont tas-CT Scan magħmul fil-klinika ta' Dr. Frank Farrugia, iżjed minn sentejn wara l-akkadut; dwar dan il-konvenuta argumentat li ġialadarba ma nħasset ebda urġenza għal dan l-eżami mediku, l-iscan seta' faċilment sar fl-isptar tal-Gvern, mingħajr ebda spejjeż. A tenur tal-prinċipju li d-danni reklamenti għandhom dejjem jiġu minimizzati, sa fejn hu possibbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ispejjeż relattivi m'għandhomx ikunu ripetibbli. (b) L-attur esebixxa wkoll kopja ta' riċevuta waħda dwar xi pilloli mixtrija minnu. Tenut kont tal-fatt li rriżulta li huwa kien ibati minn *depression* sa mill-inqas mis-sena 1998, li kienet tirrikjedi wkoll mediċinali simili għal dik indikata, mhux il-każ li jingħata xi kumpens f'dan ir-rigward.

<u>Dwar (iii) :</u> Dik il-ħabta li sehh dan l-inċident, l-attur ma kienx jaħdem. Kien jgħix bil-benefiċċji soċjali minħabba id-*depression* li ġie ċċertifikat li kien ibati minnha. Dawn il-benefiċċji baqa' jirċevihom anke wara li seħħ dan l-inċident,[18] u għalhekk lanqas ma kien hemm ebda telf ta'qliegħ attwali għalih.

**Lucrum Cessan**s: Dawn id-danni huma kontemplati wkoll fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16, u jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ li tbati l-vittma 'l quddiem minħabba inkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li l-egħmil doluż jew kopluż seta' jġib. Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jinghad illi l-qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom ….. Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'*.[19] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita'. Inoltre,id-danneggjat jinghata somma*

---

[18] Ara d-deposizzjoni tal-avukat dottor Joseph Attard (a fol. 394 – 404) u d-dokumenti minnu esebiti
[19] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002

*kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[20]

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tat oriġini għal dak li jissejjaħ il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmienijiet attwali.[21]

Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kellu sebgħa u erbgħin (47) sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża.[22] Huwa ġie ċertifikat mill-espert mediku nominat mill-Qorti li jbati minn debilita' permanenti fil-grad ta' tnejn fil-mija (2%).[23] Il-konvenuta titfa' dubbju dwar kemm l-attur tassew ibati minn din id-debilita', billi l-espert mediku kellu joqgod sempliċement fuq dak li rrelatalu l-attur, billi ma rriżultat ebda menomazzjoni fiżika apparenti, u l-attur ilmenta biss li in segwitu għal dan l-inċident baqa' jbati minn uġiegħ ta' ras u sturdamenti. In vista pero' ta' dak stabilit mill-ġurisprudenza fis-sens illi:

*"In linea ta' principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha ... fl-istess waqt dan ma jfissirx pero' li qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami,"*[24]

Kif ukoll tar-risposti li ta l-istess espert mediku għad-domandi in eskussjoni rispettivi tal-kontendenti,[25] din il-Qorti mhix tal-opinjoni li għandha tiddipartixxi minn dawn il-konkluzjonijiet peritli, li allura tagħmilhom tagħha wkoll. L-argument tal-attur li għandha tiġi ffistata medja bejn il-perċentwali stabilita mill-espert mediku *ex parte* li kien

[20] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et :Appell: 20.7.1994
[21] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003
[22] Għandu Karta tal-Identita bin-numru: 34456G (ara okkorenza tal-Pulizija a fol. 43 tal-proċess)
[23] Ara rapport mediku ta' Dr. Galea Debono a fol. 96 - 100 tal-proċess
[24] Qorti tal-Appell; Grima vs Mamo et noe: 29.05.1998
[25] A fol. 305 u 348

tal-opinjoni li huwa jbati minn debilita' ta'10%,[26] u dik stabilita mill-espert tal-Qorti, ma treġix, għax meta għamlet hekk il-Qorti kienet qed tikkunsidra diskrepanza bejn dak li kien iffissa l-ewwel espert nominat minnha stess u dak li kienu stabilew il-periti perizjuri.[27]

Fil-kawżi li segwew is-sentenza f'Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Imma skont formula applikata anke mill-Qorti tal-Appell għal dan il-fini f'dawn l-aħħar snin, għandu jiġi konsidrat *multiplier* ta' ħdax (11) il-sena.[28]

Billi rriżulta li l-attur ma kienx jaħdem meta seħħ l-inċident, għax kien ġia ċċertifikat bħala *unfit for work*, huwa l-każ li hawn tittieħed bħala bażi l-paga minima nazzjonali. Skont ġurisprudenza kostanti trid tittieħed in konsiderazzjoni x'kienet din il-paga meta seħħ l-inċident in kwistjoni. Fis-sena 2003, din kienet €123.76ċ fil-ġimgħa,[29] li jġibu €6435.52ċ fis-sena.

Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €6435.52ċ (paga bażi) x 11 (snin ta' ħajja lavorattiva li kien għad baqagħlu l-attur) x 2% (debilita'permanenti) x 120% għar-rata ta' inflazzjoni = **€1698.97ċ**. Normalment jitnaqqas is-solitu kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment,* pero' tenut kont id-dewmien sabiex tinqata' din il-kawża, bl-ebda ħtija tal-attur, hija l-fehma ta' din il-Qorti li issa m'għandu jinqata' xejn mis-somma dovuta għal dan il-fini. Madankollu billi l-attur ġie allokat nofs il-ħtija għall-akkadut ipprovokat minnu stess, jiġi li huwa dovut lilu nofs dan l-ammont, u ċioe' **€849.48ċ.**

RI-EPILOGU

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli u likwidat in linea ta' danni kkaġunati lill-attur, per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa s-segwenti:

[26] Ara ċertifikat tiegħu a fol. 5 tal-proċess
[27] Prim Awla, 25.02.2013: Edward sive Teddie Borg vs Albert Schembri
[28] Darren Sammut vs Eric Zammit: 3.12.2004; ara wkoll P.A. Emmeline Cini vs Antoine Cachia: 18.02.2013 fejn jidher li ġiet stabilita din il-fomula
[29] Ara SL452.71 – National Minimum Wage Standard Order

| | | |
|---|---|---|
| Damnum emergens | € 0.00ċ | + |
| Lucrum Cessans: | €849.48ċ | |
| Total ta: | €849.48ċ | |

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. Tiddikjara lill-kontendenti ugwalment responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża, li seħħ fit-28 ta' Ottubru 2003 u li fih safa' mweġġa' l-attur;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident fis-somma ta' tmien mija disgħa u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€849.48ċ);

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex tħallas lill-attur s-somma hekk likwidata, "bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv".[30]

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta fl-14 ta' Ottubru 2005, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

02.03.2017 – Sup3.2006 – Xuereb George vs Whitehouse Madeline
3132

[30] kliem miżjud b'digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu 2017